# Ricerka fuq Sigurta Ghal Kunsill ta' Had-Dingli 2009
# Ibbazat fuq il-*Crime Victimisation Survey*

**Azzopardi Cauchi Jacqueline**
**Formosa Saviour**
**Formosa-Pace Janice**
**Scicluna Sandra**

**Kunsill Lokali Had-Dingli**

**11 ta' Lulju 2010**

**Istitut tal-Kriminologija**
**Universita ta' Malta**

**Sezzjoni Z: Punti in ġenerali fuq Ħad-Dingli**

Jidher li f'Ħad-Dingli hemm aktar nies li lesti biex jgħinu lil xulxin, milli hemm li jimpurthom biss fihom. Infatti, Bar Chart Z1 turi li aktar minn nofs l-intervistati (52.4%) qaluh dan. Madanakollu, nammetti li kont nistenna li din ic-cifra tkun akbar. Huwa kemmxejn inkwetanti li aktar minn terz tal-intervistati (38%) jemmnu li l-bicca l-kbira tan-nies jimxu ghal rashom. Da jista' jindika li, mal-milja taż-żmien, qed tikber l-iżolazzjoni u li n-nies qed isiru anqas solidali.

Z1: Kif tiddiskrivi b'mod generali lil Had-Dingli?




Bar Chart Z2 tindika li f'Ħad-Dingli, il-maġġoranza assoluta tal-abitanti (81.8%) iħossuhom siguri (*safe*) jimxu waħedhom f'Ħad-Dingli wara li jidlam. Għalkemm din iċ-ċifra tindika bixra posittiva, il-15% tal-intervistati li saħħqu li ma jħossuhomx siguri (*safe*) jimxu waħedhom f'Ħad-Dingli fid-dlam mhix ċifra insignifikanti li, allura, tista' turi kemm huwa importanti li t-toroq/ l-inħawi kollha ikunu mixgħewla bil-lejl. Bar Chart Z3 tkompli issaħħaħ dan l-argument meta tindika li 13.3% saħansittra qatt ma joħorġu jimxu waħedhom fid-dlam f'Ħad-Dingli. Iżda huwa posittiv li l-maġġoranza (55.2%) ma jħossux il-ħtieġa li jevitaw ċertu toroq/inħawi meta joħorġu jimxu waħedhom f'Ħad-Dingli (Bar Chart Z3). tabella Z4

tindika li miż-żoni kollha, l-aktar li jevitaw ir-residenti huma l-irdumijiet. Hemm iħossuhom l-anqas siguri (*safe*).





Z3: Meta tohrog timxi wahdek f'Had-Dingli, tevita certi toroq jew postijiet minhabba xi periklu, jew biex tevita certi nies?

**Z4: Tista' tghidli liema huma dawn it-toroq/postijiet li tevita? (Ikteb l-ismijiet tat-toroq/tal-postijiet)**

| | | Frequency | Percent | Valid Percent | Cumulative Percent |
|---|---|---|---|---|---|
| Valid | | 212 | 74.1 | 74.1 | 74.1 |
| | Buskett,dingli cliffs | 1 | .3 | .3 | 74.5 |
| | cimiterju 'l fuq vicin il-cliffs, outskirts | 1 | .3 | .3 | 74.8 |
| | cliffs | 1 | .3 | .3 | 75.2 |
| | cliffs ghax mhemmx dawl | 1 | .3 | .3 | 75.5 |
| | dawk li jkunu mwarrbin | 1 | .3 | .3 | 75.9 |
| | dinfli cliffs | 1 | .3 | .3 | 76.2 |
| | dingli ciffs,postijiet bil klieb mitluqin | 1 | .3 | .3 | 76.6 |
| | dingli cliffs - vera dlam anka bil-karozza, l-isbah triq imkissra | 1 | .3 | .3 | 76.9 |
| | dingli cliffs | 11 | 3.8 | 3.8 | 80.8 |
| | Dingli Cliffs | 3 | 1.0 | 1.0 | 81.8 |
| | Dingli Cliffs ghax tal-biza'. | 1 | .3 | .3 | 82.2 |
| | dingli cliffs, outskirts | 1 | .3 | .3 | 82.5 |
| | dingli cliffs,buskett | 1 | .3 | .3 | 82.9 |
| | dinglli cliffs | 1 | .3 | .3 | 83.2 |
| | fejn ikun hemm il klieb | 1 | .3 | .3 | 83.6 |
| | fejn ikun hemm stray dogs | 1 | .3 | .3 | 83.9 |
| | fejn l-irdum | 1 | .3 | .3 | 84.3 |
| | Fejn m'hemry dauh | 1 | .3 | .3 | 84.6 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| fl ghelieqi mwarrba | 1 | .3 | .3 | 85.0 |
| fuq l-Irdum | 1 | .3 | .3 | 85.3 |
| HDEJN L ISKOLA | 1 | .3 | .3 | 85.7 |
| Il-Cliffs | 1 | .3 | .3 | 86.0 |
| il buskett fid dlam | 1 | .3 | .3 | 86.4 |
| in-naha ta Dingli Cliffs, xi sqaqien | 1 | .3 | .3 | 86.7 |
| In-naha tac-cimiterju ghax imwarrab | 1 | .3 | .3 | 87.1 |
| in-naha tal-buskett,tali-irziziel | 1 | .3 | .3 | 87.4 |
| in nahat ta san pawl milqghi poolvich factory fejn ikun hemm klieb mhux marbutin | 1 | .3 | .3 | 87.8 |
| irdum | 1 | .3 | .3 | 88.1 |
| it-triq tac-cimiterju, u gnien il-haddiem minnhabba l-guvintur. | 1 | .3 | .3 | 88.5 |
| l-irdum | 4 | 1.4 | 1.4 | 89.9 |
| l-irdumijiet | 1 | .3 | .3 | 90.2 |
| l imwarrbin | 1 | .3 | .3 | 90.6 |
| lejn dingli cliffs | 1 | .3 | .3 | 90.9 |
| Lejn in-nahat ta' Dingli Cliffs | 1 | .3 | .3 | 91.3 |
| lejn l-iskola u fejn l-ghassa | 1 | .3 | .3 | 91.6 |
| lejn l irdum | 2 | .7 | .7 | 92.3 |
| main road | 1 | .3 | .3 | 92.7 |
| main road triq ir rabat | 1 | .3 | .3 | 93.0 |
| main street traffic, opposite tal mithna | 1 | .3 | .3 | 93.4 |
| minhabba xi klieb, li jkunu jigru wahedhom. | 1 | .3 | .3 | 93.7 |
| Naha ta dingli cliffs , sqaqien | 1 | .3 | .3 | 94.1 |
| outskirts | 2 | .7 | .7 | 94.8 |
| outskirts, triq il-madalena. | 1 | .3 | .3 | 95.1 |
| postijiet inwarbin specjalment lejn Dingli Cliffs | 1 | .3 | .3 | 95.5 |
| POSTIJIET MHUX IMDAWLIN | 1 | .3 | .3 | 95.8 |
| qalb l ghelieqi | 1 | .3 | .3 | 96.2 |
| Ross street n naha ta dingli cliffs | 1 | .3 | .3 | 96.5 |
| sqaq il lhudi | 1 | .3 | .3 | 96.9 |
| ta'hofriet ir rizz | 1 | .3 | .3 | 97.2 |
| Toroq dojoq li jigu ghall-Dingli Cliffs | 1 | .3 | .3 | 97.6 |
| Towards Dingli Cliffs | 1 | .3 | .3 | 97.9 |
| triq ir-rabat, triq ir-ross, triq ir-rabat sqaq nru 2 | 1 | .3 | .3 | 98.3 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Triq it-turretta swimming pools shah tal-ilma | 1 | .3 | .3 | 98.6 |
| triq l-irdum | 1 | .3 | .3 | 99.0 |
| Triq San Pawl Pitkali-Mhabba il- Klieb jigru | 1 | .3 | .3 | 99.3 |
| Vincin Dingli Cliffs. -habba il-klieb | 1 | .3 | .3 | 99.7 |
| wara ic cimiteru | 1 | .3 | .3 | 100.0 |
| Total | 286 | 100.0 | 100.0 | |

Għalkemm it-Bar Chart Z5 tindika li ħafna (41%) minn nies f'Ħad-Dingli igawdu minn serħan tal-moħħ f'darhom, il-fatt li 23.4% mill-intervistati jemmnu li hemm ċans kbir li, matul din is-sena, xi ħadd jista' jidħlilhom f'darhom (*burglary*) jindika li dan is-serħan tal-moħħ qed jitnaqqar. Ma' dan l-ammont ta' nies kemmxejn pessimisti, jista' wieħed iżid il-31.8% li wrew dubju u allura, it-total ta' opinjonijiet pessimisti jitla' għal 55.2% - li huwa ammont sostanzjali ta' nies li m'għandhomx moħħom daqshekk mistrieħ f'darhom stess. Dan jista' jkun kawża tan-nuqqas ta' fiduċja li n-nies jista' jkollhom fil-pulizija (Bar Chart Z6). Infatti, Bar Chart Z6 tindika li 61.9% (il-26.6% li konvinti li l-pulizija mhix effettiva u il-35.3% li jaħsbu li l-pulizija qed tagħmel xi ftit tad-differenza, fil-posittiv – "mhux ħażin"), tar-residenti ta' Ħad-Dingli ma tantx għandhom opinjoni għolja tal-pulizija. Iżda, għalkemm jeħtieġ li il-fiduċja fil-pulizija tikber, ta' min jgħid li it-terz li wieġbu li l-pulizija f'Ħad-Dingli jagħmlu xogħolhom sewwa, mhux insignifikanti. Fuq l-istess suġġet, huwa xokkanti li, jekk tindika sew it-Bar Chart Z7, ftit inqas minn kwart tar-residenti f'Ħad-Dingli (23.3%) konvinti li l-pulizija ma tgħaddi qatt mit-triq tagħhom. Forsi wasal iż-żmien li f'Ħad-Dingli isiru sforzi biex il-poplu ikattar il-kunfidenza tiegħu fil-forzi tal-ordni. Hekk forsi jitkattar is-serħan tal-moħħ tar-residenti Dinglin, f'darhom.

Z5: Kemm tahseb li hija kbira il-probabilta' (jew il-possibilita') li, matul din is-sena, xi hadd jista' jidhollok id-dar tieghek (burglary)?




Z6: Kemm tahseb li l-pulizija f'Had-Dingli jaghmlu xogholhom sewwa?



**Z7: Xi kemm tahseb li pulizija jghaddi/tghaddi mit-triq tieghek bil-karrozza jew bil-mixi?**




Huwa forsi ta' tħassib li għad-domanda tat-Bar Chart Z8 (Kemm toħroġ inti fil-għaxija bħala rekreazzjoni), l-akbar numru ta' intervistati (36.4%) wieġbu li dan qatt ma jagħmluh. Kważi kwart (24.8%) minnhom wieġbu li joħorġu darba f'ġimgħa. Kienu biss 10.8% li wieġbu li joħorġu kważi kuljum. Forsi din iċ-ċifra tirrappreżenta dawk li joħorġu jimxu għall-eżerċizzju.10.1% wieġbu li joħorġu darba fix-xahar u 11.2% joħorġu anqas spiss. Kont nistenna li sew aktar mill-kwart (24.8%) tad-Dinglin joħorġu jiddevertu ta' l-inqas darba fil-ġimgħa – madanakollu, kont żbaljata. Huwa inkwetanti meta tqis li aktar minn terz tad-Dinglin jistgħu ikunu qed iħossuhom waħedhom u iżolati. Ma nistgħux ngħidu li f'Ħad-Dingli ma jiġux organizzati biżżejjed attivitajiet …anzi huwa pjuttost il-maqlub. Għalhekk, forsi l-unika spjegazzjoni li tiġini f'moħħi hija li forsi dawn in-nies ġew minn bnadi oħra ta' Malta u għadhom ma integrawx fil-komunita' Dinglija. Tajjeb li l-kunsill lokali jkun konxju ta' dawn ir-residenti.




Jidher li, bħal kif indikat Bar Chart Z5, Bar Chart Z9 tixhed li ħafna minn nies f'Ħad-Dingli igawdu minn serħan tal-moħħ f'darhom. Infatti, 45% mis-76.6% li wieġbu, ammettew li darhom m'għandha l-ebda protezzjoni. Dan jindika li l-protezzjoni kontra s-serq mid-dar tista' tkun mequsa bħala spiża żejda u inutli. Madanakollu, kien hemm numru sostanzjali ta' intervistati li jippreferew, għal xi raġuni, li ma jwieġbux din id-domanda. Forsi beżgħu jammettu li ma għandhom l-ebda protezzjoni mad-dar jew ma ridux jikxfu x'sistema għandhom. Jidher li terz tar-residenti Dinglin għandhom xi forma ta' protezzjoni kontra s-serq mar-residenza tagħhom (Bar Chart Z9). L-aktar popolari huma: il-*burglar alarms*, is-serraturi speċjali u l-klieb.

**Z9: Bhala protezzjoni kontra s-serq, id-dar tieghek ghandha xi wahda mill-protezzjonijiet li gejjin?**




Bar Chart Z11 tindika li l-maġġoranza ta' nies f'Ħad-Dingli (53.5%) jippreferu jitolbu lil xi ħadd jagħti daqqa' t'għajn lil darhom meta ma jkun hemm ħadd fiha u minn dawn, 6.3% iqabdu saħansittra għassies professjonali. Għalhekk, għalkemm aktar minn terz tar-residenti Dinglin (38%) jidhru li jitilqu lir-residenza tagħhom, moħħhom mistrieħ li jsibuha kif ħallewha, jidher li huma aktar in-nies Dinglin li jinkewtaw għal darhom meta jkunu assenti minnha.




Kif stennejt, Bar Chart Z12 tindika li il-maġġoranza assoluta tad-Dinglin (69.9%) m'għandhomx arma tan-nar. Pero' għalkemm il-kwart tal-poplazzjoni Dinglija (25.5%) li għandha huwa ta' tħassib, Bar Chart Z14 tindika li din l-arma tintuża l-aktar għall-kaċċa. Infatti, Bar Chart Z13 turi li l-aktar li hemm fid-djar Dinglin huma s-snieter. Madanakollu, f'tabelli Z13 u Z14, kien hemm madwar tlett kwarti tal-intervistati li għażlu li ma jwieġbux. Dan jista' jqajjem spekulazzjoni li fid-djar ta' Ħad-Dingli hemm armi li mhumiex irreġġistrati u allura, m'għandhomx il-premess tal-pulizija. Jista' wkoll ikun li l-intervistati ma riedux jinkixfu li għandhom xi armi. Pero' dan mhux se nkunu nistgħu nivverifikawh.

Z12: Inti jew xi hadd fil-familja ghandu xi arma tan-nar?




Z12: Inti jew xi hadd fil-familja ghandu xi arma tan-nar?

Z13: Jekk iva, tista' tghidli x'tip ta' arma tan-nar ghandek/ghandkom?




Z13: Jekk iva, tista' tghidli x'tip ta' arma tan-nar ghandek/ghandkom?




Bar Chart Z15, bħall kif indikaw tabelli Z5 u Z9 tixhed li ħafna minn nies f'Ħad-Dingli igawdu minn serħan tal-moħħ f'darhom. Infatti, il-maġġoranza assoluta (62.6%) mill-intervistati wieġbu li r-residenza tagħhom mhix assigurata kontra s-serq. Ftit aktar minn kwart (26.9%) tal-intervistati wieġbu li assiguraw lil darhom kontra s-serq.




Ma ġietx b'sorpriża ir-risposta li ingħatat minn tlett kwarti (75.9%) tal-intervistati meta f'Bar Chart Z16, għad-domanda: "Kemm tieħu gost tgħix f'Ħad-Dingli?" wieġbu "Ħafna" (Bar Chart Z16). Huwa ċar li din hija indikazzjoni posittiva, għalkemm forsi jista' jsir sforz biex wieħed isib għalxiex kwart tar-residenti Dinglin jidhru jew indifferenti jew imdejqa.

Z16: Kemm tiehu gost tghix Had-Dingli?




Meta kont qed nikkumenta fuq Bar Chart Z8 – fuq il-fatt inkwetanti li jidher li aktar minn terz (36.4%) tad-Dinglin ma joħorġu jgawdu qatt għidt li ma nistgħux ngħidu li f'Ħad-Dingli ma jiġux organizzati biżżejjed attivitajiet … anzi huwa pjuttost il-maqlub. Infatti, Bar Chart Z17i turi li l-maġġoranza (61.6%) tad-Dinglin huma konvinti li l-attivitajiet soċio-kulturali li jiġu organizzati (nista' ngħid, regolarment) huma tajbin ħafna. Kienu biss 2.1% li kienu negattivi. Għalhekk, forsi dawn in-nies (it-terz li qalu li qatt ma joħorġu biex igawdu) ġew minn bnadi oħra ta' Malta u għadhom ma integrawx fil-komunita' Dinglija. Tajjeb li l-kunsill lokali jkun konxju ta' dawn ir-residenti għax x'aktarx qed iħossuhom waħedhom u iżolati.




Bar Chart Z17ii tindika li fejn hu konċernat il-ġbir tal-iskart f'Ħad-Dingli, ir-residenti jidhru li huma ferm kuntenti. Infatti, numru konsiderevoli (91.3%) tal-intervistati sostnew li s-servizz huwa tajjeb ħafna – anzi, 47.6% minn dawn jemmnu li s-servizz tal-ġbir tal-iskart huwa "eċċellenti". 1% biss tal-intervistati kienu negattivi għall-aħħar u 5.6% ma tantx ikkommettew rwieħhom għax wieġbu "hekk u hekk".




Għalkemm Bar Chart Z17iii tindika li aktar minn terz tad-Dinglin (37.7%) konvinti li s-servizzi tas-saħħa lokali huma tajbin, ftit inqas minn terz tar-residenti (30.4%) jidher li jaħsbu li s-servizzi tas-saħħa lokali huma "hekk u hekk", filwaqt li 16.7% għandhom opinjoni negattiva u 16.4% lanqas kellhom opinjoni dwar is-suġġet – forsi kellhom ix-xorti li ma jieġux bżonn ta' dan is-servizz allura ġenwinament ma jafux kif jirrispondu. Naħseb li meta wieħed jikkonsidra kollox, jidher li n-nies jixtiequ servizz mediku aħjar … għalkemm ġewwa Ħad-Dingli hemm klinika privata fejn ipoġġu bosta professjonisti fil-qasam tas-saħħa u klinika private oħra fejn tpoġġi tabiba. Madanakollu, jidher li n-nies jixtiequ aktar kura tas-saħħa mill-istat. Forsi l-berġa li hemm mhix meqjusa effiċjenti biżżejjed.




Bar Chart Z17iv tindika li numru konsiderevoli ta' Dinglin (ta' lanqas 42.3%) jikkonsidraw it-trasport lokali bħala wieħed tajjeb. Hemm madwar terz li jaħsbu li hu "hekk u hekk". Iżda jidher li madwar wieħed minn kull ħames Dinglin (17.1%) jaħseb li dan is-servizz huwa ħażin. Ċertament li din iċ-ċifra mhux ta' min wieħed jinjorha u tkun interessanti li wieħed jiskopri ir-raġunijiet tagħhom… u jipprova jirmedja.




Kif indikaw tabelli Z5, Z9 u Z15, Bar Chart Z17v, tixhed li ħafna minn nies f'Ħad-Dingli igawdu minn serħan tal-moħħ f'darhom. Infatti, 46.9% mir-residenti Dinglin jidhru kuntenti bis-sigurta' tal-akwati. Ftit aktar minn terz (34.3%) iddikjaraw li s-sigurta' tal-akwati hija "hekk u hekk", madanakollu, 11.2% biss urew tħassib.




Meta mistoqsija jekk jaħsbux li f'Ħad-Dingli hemm problems bl-istorbju (Bar Chart Z18), il-maġġoranza assoluta (78%) tal-intervistati irrispondiet "le". Iżda 18.5% mill-intervistati jaħsbu li f'Ħad-Dingli hemm problemi ta' storbju … u jista' jagħti l-każ li inzertaw jogħqodu f'żona fejn hemm xi każin, *bar* jew *take-away*. Forsi jkun ta' għajnuna għal dawn ir-residenti li issir investigazzjoni ta' fejn qed jiżdied l-istorbju u jsiru sforzi biex in-nies storbjużi jsiru konxji tal-inkonvenjent li qed joħolqu …forsi dan ikunu jistgħu irażnuh.




Bar Chart Z19 tindika b'mod ċar ħafna li d-Dinglin jisabu inkwetati minħabba li xi individwi jabbużaw b'sewqan eċċessiv. Infatti, huma 61.9% tal-intervistati li wieġbu li Ħad-Dingli għandu problema ta' sewwieqa li jsuqu b'mod eċċessiv. Jidher li terz tar-residenti (32.9%) ma jaqblux ma' din l-opinjoni. Jista' jkun li dawn jgħixu fl-imwarrab. Dan it-tħassib tad-Dinglin għandu jwassal biex jittieħdu passi biex jitrażżan dan l-abbuż. Forsi bi ftehim mal-pulizija, wieħed ikun jista' jirrapporta b'mod anonimu s-sewwieqa li jsuqu bl-addoċċ u dawn imbagħad jiġu msejħa mit-taqsima tat-traffiku tal-pulizija u mċanfra. Il-fatt li jkunu tilfu l-isbaħ nofs ta' nhar id-*depot* jew l-għassa iġġiegħlhom jikkontrollaw lilhom infushom fil-futur.




Għad-domanda: "X'titjib tixtieq tara fil-lokalita' tiegħek?" ir-risposti tal-intervistati offrew bost suġġerimenti (kif jidher f'tabella Z20), madanakollu, l-aktar rakomandazzjonijiet li spikkaw huma: toroq aħjar, sorveljanza aħjar mill-pulizija u titjieb fit-trasport publiku.

**Z20: X'titjib tixtieq tara fil-lokalita tieghek?**

| | | Frequency | Percent | Valid Percent | Cumulative Percent |
|---|---|---|---|---|---|
| Valid | | 60 | 21.0 | 21.0 | 21.0 |
| | toroq irrangati u aktar ordni fejn jidhlu karozzi | 1 | .3 | .3 | 21.3 |
| | aktar bozoz fi triq il-buskett, titjib fit-toroq principali, u qtugh ta' haxix. | 1 | .3 | .3 | 21.7 |
| | aktar dawl fit- toroq | 1 | .3 | .3 | 22.0 |
| | aktar hdura u sigar | 1 | .3 | .3 | 22.4 |
| | aktar hwienet | 3 | 1.0 | 1.0 | 23.4 |
| | aktar kas it-toroq,aktar ghassa fl-akwati fuq nies mhux mir-rahal li jigu jaghmlu vandalizmu | 1 | .3 | .3 | 23.8 |
| | aktar parkings ghall-karozzi u li s-servizz tal-linja jibqa kif inhu u mhux jinbidel | 1 | .3 | .3 | 24.1 |
| | aktar postijiet ta rekreazzjoni ghat tfal | 1 | .3 | .3 | 24.5 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Aktar pulizija | 1 | .3 | .3 | 24.8 |
| Aktar sigurta mil-pulizija. Ingas dhahen minn karozzi | 1 | .3 | .3 | 25.2 |
| AKTAR SLEEPING POLICE | 1 | .3 | .3 | 25.5 |
| aktar tindif fi triq ir-rabat, aktar trasport lokali f'din it-triq, aktar xoghol mghaggel fuq il-ground ta' Had-Dingli | 1 | .3 | .3 | 25.9 |
| aktar transport fiss | 1 | .3 | .3 | 26.2 |
| arrange the area of dingli cliffs, more electricity | 1 | .3 | .3 | 26.6 |
| attivita tal pulizija | 1 | .3 | .3 | 26.9 |
| better roads fit-triq principali, mic-cimiterju il-fuq it-toroq dizastru, fil-pjazza li ha ssir jaghmlu ??, tawgura lill-kunsill lokali l-aqwa hidma, tirringrazzja lill-Ian Borg tax-xoghol li jaghmel u tas-support tieghu. | 1 | .3 | .3 | 27.3 |
| bzonn izjed puizija, izjed indafa. | 1 | .3 | .3 | 27.6 |
| Bzonnijiet ta l-annimali | 1 | .3 | .3 | 28.0 |
| camera mal-hajt, wardens matul il-lejl fic-centru tas-sahha bejn 8pm u 1am. | 1 | .3 | .3 | 28.3 |
| certu toroq ma jistax ikun li jipparkjaw fuq iz-zewq nahat. | 1 | .3 | .3 | 28.7 |
| cleaning up of dog litter | 1 | .3 | .3 | 29.0 |
| computer course for women during school hours | 1 | .3 | .3 | 29.4 |
| Dar ghax xjuh f had dingli | 1 | .3 | .3 | 29.7 |
| Dingli Cliffs should be arranged especially the roads and there is the need of street lights | 1 | .3 | .3 | 30.1 |
| dixxiplina | 1 | .3 | .3 | 30.4 |
| dixxiplina fis-sewqan specjaklment speed. | 1 | .3 | .3 | 30.8 |
| DIXXIPLINA FIS SEWQAN | 1 | .3 | .3 | 31.1 |
| Drainage fi triq ir rabat ,bhalissa ghado fil foss u jixtiequ li ghandom dranag. Aktar integrazjoni ghall-anzjani | 1 | .3 | .3 | 31.5 |
| dwar il-hinijiet tat-trasport filghaxija u iktar sigurta' ghan-nies li jghixu hdejn il-pjazza. | 1 | .3 | .3 | 31.8 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ellul Mercer tigi one way | 1 | .3 | .3 | 32.2 |
| ferat ta banek f had dingli m hawnx | 1 | .3 | .3 | 32.5 |
| Fl-Ambjent | 1 | .3 | .3 | 32.9 |
| forsi jsebbhu l ambjent b xi fjuri | 1 | .3 | .3 | 33.2 |
| Ftuh ta bank , Ftuh ta l-ghassa akatar spiss | 1 | .3 | .3 | 33.6 |
| ground isir bit turf , bus stop min quddiem. | 1 | .3 | .3 | 33.9 |
| Gutters for rain water | 1 | .3 | .3 | 34.3 |
| hafna trabjiet ta bini.Efficjenza tal-pulizija. | 1 | .3 | .3 | 34.6 |
| hinijiet ta tal linja, coffe shop,aktar serviz tal bank,arlog fil pjaza, berga ftit tiftah u mhux komda,GHASSA TIFTAH AKTAR | 1 | .3 | .3 | 35.0 |
| Hmieg tal-klieb u zwiemel | 1 | .3 | .3 | 35.3 |
| hmieg taz zwiemel | 1 | .3 | .3 | 35.7 |
| Hofor fuq il-cliffs | 1 | .3 | .3 | 36.0 |
| HSBC -no ATM, toroq ahjar,bdiewa li jqabbdu r raba, jaghmlu hafna duhhan | 1 | .3 | .3 | 36.4 |
| ihaffu l process tal ground | 1 | .3 | .3 | 36.7 |
| iktar dawl fit toroq | 1 | .3 | .3 | 37.1 |
| iktar dawl, inaddfu haxix hazin. | 1 | .3 | .3 | 37.4 |
| iktar dwal mal cliffs,hafna hmieg tal-klieb | 1 | .3 | .3 | 37.8 |
| Iktar indafa | 1 | .3 | .3 | 38.1 |
| iktar indafa ta certu toroq | 1 | .3 | .3 | 38.5 |
| Iktar indafa, inqas klieb u qtates. | 1 | .3 | .3 | 38.8 |
| iktar pulizija 24hrs | 1 | .3 | .3 | 39.2 |
| iktar pulizija matul il-lejl, pulizija jifthu iktar | 1 | .3 | .3 | 39.5 |
| Iktar puluzija | 1 | .3 | .3 | 39.9 |
| iktar sigar | 1 | .3 | .3 | 40.2 |
| Iktar sigar | 1 | .3 | .3 | 40.6 |
| Iktar sigar  u bankijiet | 1 | .3 | .3 | 40.9 |
| Iktar sigar,iktar tindif | 1 | .3 | .3 | 41.3 |
| Iktar sigar. | 1 | .3 | .3 | 41.6 |
| Iktar tindif rigward il-hmieg taz-zwiemel li jghaddu mit -triq taghna | 1 | .3 | .3 | 42.0 |
| il-kenniesa jikinsu aktar taht l-istages, il-qtugh ta haxix, it-triqq tar-rabat waqa cint li nixtieq li jigi rrangat specjalment meta xahrejn ilu waqa cint iehor u gie fuq karozza. | 1 | .3 | .3 | 42.3 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| il-pulizija jridu jkunu aktar disponibbli ghall-pubbliku, l-ghassa tal-lokal ghandha tinfetah izjed spiss | 1 | .3 | .3 | 42.7 |
| il pulizija tista itejjeb xoghla | 1 | .3 | .3 | 43.0 |
| il=karozzi tal-linja ma johorgux ghar-Rabat, drba wahda filghodu biss. | 1 | .3 | .3 | 43.4 |
| improve,ment in transport | 1 | .3 | .3 | 43.7 |
| improvement f attivitajiet | 1 | .3 | .3 | 44.1 |
| increased police involement | 1 | .3 | .3 | 44.4 |
| inehhu l-isleeping policemen,zgumbrar mill-arbli,m'hawnx bankina unita' | 1 | .3 | .3 | 44.8 |
| inqas double marking | 1 | .3 | .3 | 45.1 |
| inqas storbju fil gnien fis sajf | 1 | .3 | .3 | 45.5 |
| inqas storbju, iwaqqfu nies jahdmu go garaxxijiet u jaghmlu storbu bla permess go zoni residenzjali | 1 | .3 | .3 | 45.8 |
| inqas strobju min trakkijiet tal gebel | 1 | .3 | .3 | 46.2 |
| intejbu iktar it toroq | 1 | .3 | .3 | 46.5 |
| it-toroq - bzonn ta' titjib. | 1 | .3 | .3 | 46.9 |
| It-toroq | 2 | .7 | .7 | 47.6 |
| It-toroq ahjar,L-ghassa miftuha aktar spiss,aktar naddafa tad toroq u tal kampanja, | 1 | .3 | .3 | 47.9 |
| it-toroq u l-ghassa tkun miftuha | 1 | .3 | .3 | 48.3 |
| it-toroq, il-haxix tal-bankini, hmieg tal-klieb. | 1 | .3 | .3 | 48.6 |
| it-toroq, specjalment Triq il-Kbira, u t-toroq ta' l-irdum minnhabba t-turisti.q | 1 | .3 | .3 | 49.0 |
| It-toroq. Tat-transport i zommu 'ihin | 1 | .3 | .3 | 49.3 |
| It-toroq; Triq il-Kbira | 1 | .3 | .3 | 49.7 |
| it toroq - triq ir rabat | 1 | .3 | .3 | 50.0 |
| it triq ta dingli cliffs | 1 | .3 | .3 | 50.3 |
| it triq ta fejn road ta fejn l ghassa bix jaghmluha bit tarmac | 1 | .3 | .3 | 50.7 |
| ix xoghol tal pulizija | 1 | .3 | .3 | 51.0 |
| izidu bus stages | 1 | .3 | .3 | 51.4 |
| izjed attenzjoni ghat toroq | 1 | .3 | .3 | 51.7 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| izjed attivitajiet kulturali, xi attivitajiet ghat-tfal, jitranga dingli cliffs. | 1 | .3 | .3 | 52.1 |
| izjed hwienet u forsi xi speed cameras minhabba sewqan bl-addocc | 1 | .3 | .3 | 52.4 |
| Izjed korses ghax naqra neqsin mill-kunsill. Especially:Krafts | 1 | .3 | .3 | 52.8 |
| jaghmlu bankini | 1 | .3 | .3 | 53.1 |
| jagmlu drainage rabat road | 1 | .3 | .3 | 53.5 |
| jerga' jinfeth il-bank. | 1 | .3 | .3 | 53.8 |
| jibzghu iktar ghall-ambjent, issir xi haga minhabba trabijiet tal-barrieri, iktar attivitajiet kulturali, hemm bzonn li l-ghassa tiftah iktar. | 1 | .3 | .3 | 54.2 |
| jiehdu hsieb li jigbru il hmieg tal klieb | 1 | .3 | .3 | 54.5 |
| Jikinsu t-triq , iktar sigar | 1 | .3 | .3 | 54.9 |
| jinfetah iktar l-ghassa tal-pulizija | 1 | .3 | .3 | 55.2 |
| jinfetah il-bank, l-ghassa ddum aktar miftuha, ikun miftuh il-clinic. | 1 | .3 | .3 | 55.6 |
| Jinzamm nadif | 1 | .3 | .3 | 55.9 |
| jirangaw it-toroq hdejn l-irdum, aktar banjijiet publici f dik lakwata. | 1 | .3 | .3 | 56.3 |
| jirranga i-tappieri u anka it-toroq,izidu aktar patrol specjalment dingli cliffs | 1 | .3 | .3 | 56.6 |
| jirranga it-tappieri/ l-ghassa tiftah iktar u s -servizz tal puluzija jsir ahjar | 1 | .3 | .3 | 57.0 |
| jirranga t tappieri,ghassa tiftah filghaxiuja | 1 | .3 | .3 | 57.3 |
| jirrangaw il bandli tat tfal halli ma jwggghgux | 1 | .3 | .3 | 57.7 |
| jirrangaw it-toroq, tinfetah aktar l-ghassa tal-pulizija | 1 | .3 | .3 | 58.0 |
| Jirrangaw it-toroq, tinfetah aktar l-ghassa tal-pulizija, aktar trasport pubbliku efficjenti | 1 | .3 | .3 | 58.4 |
| jirrangaw it toroq | 1 | .3 | .3 | 58.7 |
| jitrangaw il-potholes | 1 | .3 | .3 | 59.1 |
| Jitrangaw it-toroq | 1 | .3 | .3 | 59.4 |
| Jitrangaw it toroq | 1 | .3 | .3 | 59.8 |
| jitrangaw it toroq , ma jkunx hemm dejjem l-istess reffiegha fil-festa | 1 | .3 | .3 | 60.1 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| jitrangaw t toroq. | 1 | .3 | .3 | 60.5 |
| jitrangghu it-toroq fejn noqghod. | 1 | .3 | .3 | 60.8 |
| jixraq progett gewwa c-centru addattat ma' l-istatistika tieghu u progett ambizzjuz fl-akwati ta' dingli cliffs li jzuruh kwantita' ta' turisti u ma' jgawdux is-sbuhija naturali kif jixraq. | 1 | .3 | .3 | 61.2 |
| jixtiq akar wardens minhabba overspeeding,meta ghamel complaint minhabba l klieb ma tawh ebda risposta u jixtieq li l kunsill ikun aktar efficenti biex iwigeb ghal complaints. | 1 | .3 | .3 | 61.5 |
| jizdiedu l-hwienet | 1 | .3 | .3 | 61.9 |
| Jkun hemm hafna nies jqabbdu hafna Fl-ghelieqi tixtieq li dawn l-incidenti kontra l-ambjent jiefqu | 1 | .3 | .3 | 62.2 |
| Jsiru toroq u jaghmlu d-dingli cliffs-bid-dwal ,ceks fuq min ghandu xi klieb meta johorguhom jaghmlu l-bzonnijiet barra.Access ghall-bahar | 1 | .3 | .3 | 62.6 |
| karozzi b velocita | 1 | .3 | .3 | 62.9 |
| Karozzi jispeedjaw, Dingli Cliffs mhux safe ghat tfal,Dangerous drugs | 1 | .3 | .3 | 63.3 |
| klinika b'hinijiet aktar efficenti,tindix tat-toroq | 1 | .3 | .3 | 63.6 |
| kollox sew ghalija | 1 | .3 | .3 | 64.0 |
| kontroll fuq animali | 1 | .3 | .3 | 64.3 |
| l-GHASSA DEJJEM TKUN MAGHLUQA | 1 | .3 | .3 | 64.7 |
| l-ghassa tal-pulizija mhux dejjem tkun miftuha. | 1 | .3 | .3 | 65.0 |
| l-ghassa tal-pulizija tkun dejjem miftuha, sigurta' madwar il-bandli, sleeping police hdejn il-bandli, aktar attivitajiet kulturali ghat-tfal. | 1 | .3 | .3 | 65.4 |
| L-ghassa tkun aktar miftuha.ikun hawn fergha tal bank.Toroq ahjar,ikun hawn ktar sorveljanza. | 1 | .3 | .3 | 65.7 |
| L-istat tat-toroq | 1 | .3 | .3 | 66.1 |
| L-istat tat-toroq. ma jhallux klieb jigru fit-toroq.(slavag) | 1 | .3 | .3 | 66.4 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| l ghassa | 2 | .7 | .7 | 67.1 |
| l ghassa tiftah aktar | 1 | .3 | .3 | 67.5 |
| l ghassa tkun aktar mifiha | 1 | .3 | .3 | 67.8 |
| l ghassa tkun miftuha | 1 | .3 | .3 | 68.2 |
| l ghassa tkun miftuha il hin kollu | 1 | .3 | .3 | 68.5 |
| lack of road bumps and traffic control, doesn't look nice, could look more attractive lack of access for people with disabilities | 1 | .3 | .3 | 68.9 |
| less development | 1 | .3 | .3 | 69.2 |
| ma jkomplix jinbena. | 1 | .3 | .3 | 69.6 |
| ma taghklaqx fil ghaxija l ghassa | 1 | .3 | .3 | 69.9 |
| main road u drainage tar rabat road triq dingli | 1 | .3 | .3 | 70.3 |
| main street fejn l istage | 1 | .3 | .3 | 70.6 |
| Mhawnx sinjali ghal-tal linja, hemm bzonn cameras f'dingli cliffs,jitrangaw t toroq, | 1 | .3 | .3 | 71.0 |
| mhux hazin, m'ghandha xej x'tixtieq tara. | 1 | .3 | .3 | 71.3 |
| naqra aktar skips | 1 | .3 | .3 | 71.7 |
| Narah tajjeb kif inhu u bhalissa mhux qed jiguni ideat | 1 | .3 | .3 | 72.0 |
| Neighbourhood watch, divertiment ghaz-zghazagh | 1 | .3 | .3 | 72.4 |
| nsebhu it toroq ta' l-irdum biex nigbdu it-turisti | 1 | .3 | .3 | 72.7 |
| Old people's home, Aktar rondi tal-puluzija,tinfetah l-ghassa | 1 | .3 | .3 | 73.1 |
| polyclinic. titjieb fit-toroq | 1 | .3 | .3 | 73.4 |
| prudenza lil-girien | 1 | .3 | .3 | 73.8 |
| Pulizija aktar vigilanti, Nehhu s-sleeping policeman | 1 | .3 | .3 | 74.1 |
| Rangar ta bankini ta triq Inguanez, rrangar ta toroq ez; fethu l-kanali u hallew il-hofor, aktar dwal fin-nahat ta dingli cliffs | 1 | .3 | .3 | 74.5 |
| rispett lejn xulxin | 1 | .3 | .3 | 74.8 |
| RONDI TAL PULIZIJA | 1 | .3 | .3 | 75.2 |
| servizz ahjar ta transport | 1 | .3 | .3 | 75.5 |
| Servizz ta' Puulizija | 1 | .3 | .3 | 75.9 |
| Servizz ta' sahha ahjar. | 1 | .3 | .3 | 76.2 |
| servizz ta sahha ahjar | 1 | .3 | .3 | 76.6 |
| Servizz tal-dawl fit-triq | 1 | .3 | .3 | 76.9 |
| servizz tal pulizija ahjar | 1 | .3 | .3 | 77.3 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| sewqan bl-addocc | 1 | .3 | .3 | 77.6 |
| sigurta | 1 | .3 | .3 | 78.0 |
| Sigurta ta puluzija , Toroq ahjar | 1 | .3 | .3 | 78.3 |
| Sleeping police fi triq l-Ghajn, jirrangaw il-hofor fi triq l-Ghajn, jsir xi haga ghall-annimali li hawn jigru barra. | 1 | .3 | .3 | 78.7 |
| speed camera, more sleeping police, one way roads | 1 | .3 | .3 | 79.0 |
| storbju zejjed fil-bandli | 1 | .3 | .3 | 79.4 |
| Strained cats | 1 | .3 | .3 | 79.7 |
| supermarkets, toroq | 1 | .3 | .3 | 80.1 |
| surveillance on outskirts to serve needs better.Cleanliness of earth lands | 1 | .3 | .3 | 80.4 |
| Tal- linja ma tkunx one way | 1 | .3 | .3 | 80.8 |
| Tal-linja aktar spiss,jirrangaw certu toroq,l-irdum jaghmluh aktar attrajenti | 1 | .3 | .3 | 81.1 |
| tal linja | 1 | .3 | .3 | 81.5 |
| tal linja maddumx,aktar tabelli ghal-hinijiet tax xarabankghassa tiftah kuljum,jirranga t toroq , jiftah il bank | 1 | .3 | .3 | 81.8 |
| Telqa Fil-Kampanja-izjed kontroll fuq il-kampanja. Kunsill jorganizza aktar passaggi fil-kampanja li jkunu aktar safe, specjalment in-naha ta Dingli Cliffs. | 1 | .3 | .3 | 82.2 |
| The condition of the roads, some of them are on the verge of collapse | 1 | .3 | .3 | 82.5 |
| tiftah aktar l ghassa | 1 | .3 | .3 | 82.9 |
| tigbir yta skart | 1 | .3 | .3 | 83.2 |
| tindif fit-toroq | 1 | .3 | .3 | 83.6 |
| tinfetah aktar l-ghassa tal-pulizija | 1 | .3 | .3 | 83.9 |
| tinfetah aktar l-ghassa tal pulizija | 1 | .3 | .3 | 84.3 |
| tirangaw it-toroq kollha.Issebbhu l-ambjent.Tinfetah aktar l-ghassa tal-pulizija | 1 | .3 | .3 | 84.6 |
| Tisbieh tal-Cliffs , L-Ghassa aktar miftuha. | 1 | .3 | .3 | 85.0 |
| tiswijiet ta toroq. | 1 | .3 | .3 | 85.3 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| titjib f'certu toroq rigward tarmac | 1 | .3 | .3 | 85.7 |
| Titjib fis servizzi tal-puluzija,aktar osservanza tal-ligi fuq permessi mhux moghtija | 1 | .3 | .3 | 86.0 |
| Titjib tal-ambjent, tinfetah l-ghassa,  centru turistiku | 1 | .3 | .3 | 86.4 |
| titjieb fit-toroq | 1 | .3 | .3 | 86.7 |
| titjieb fit-transport lokali hwienet,Bank ghandu jkun hawn Bank f'Had Dingli. Izjed hwienet. | 1 | .3 | .3 | 87.1 |
| titjieb fl istat tat toroq | 1 | .3 | .3 | 87.4 |
| Titranga t-triq  ta' Had Dingli u triq il-Kbira. | 1 | .3 | .3 | 87.8 |
| Titranga t-triq principali | 1 | .3 | .3 | 88.1 |
| tittranga t-triq tal-bidu, jerga' jinfetah il-bank. | 1 | .3 | .3 | 88.5 |
| tixtieq li tara clinic tas sahha | 1 | .3 | .3 | 88.8 |
| toroq - tarmac - il-main road | 1 | .3 | .3 | 89.2 |
| toroq | 1 | .3 | .3 | 89.5 |
| Toroq ,Puluzija | 1 | .3 | .3 | 89.9 |
| toroq ahjar | 2 | .7 | .7 | 90.6 |
| Toroq ahjar , fergha ta banka , L-ghassa dejjem miftuha. | 1 | .3 | .3 | 90.9 |
| Toroq ahjar , tisbieh tal cliffs. | 1 | .3 | .3 | 91.3 |
| toroq ahjar,l-ghassa miftuha aktar spiss | 1 | .3 | .3 | 91.6 |
| toroq principali | 1 | .3 | .3 | 92.0 |
| toroq specjalment dik ta bejn ranat u had dingli | 1 | .3 | .3 | 92.3 |
| toroq u transpoty lokali | 1 | .3 | .3 | 92.7 |
| transport | 1 | .3 | .3 | 93.0 |
| transport ahjar | 1 | .3 | .3 | 93.4 |
| transport lokali | 2 | .7 | .7 | 94.1 |
| transport lokali izjed spiss | 1 | .3 | .3 | 94.4 |
| transport pubbliku | 1 | .3 | .3 | 94.8 |
| transport will be improved | 1 | .3 | .3 | 95.1 |
| Trasport ahjar | 1 | .3 | .3 | 95.5 |
| trasport ahjar, quddies ahjar | 1 | .3 | .3 | 95.8 |
| triq il main road | 1 | .3 | .3 | 96.2 |
| Triq l-irdum naqra mbarbta | 1 | .3 | .3 | 96.5 |
| Triq ta' Ellul Mercer, Triq il-Kbira jispeedjaw il-karozzi. | 1 | .3 | .3 | 96.9 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | triq ta' l-irdum u attivitajiet fejn jidhlu t-tfal. | 1 | .3 | .3 | 97.2 |
| | triq tal-buskett ta' hdejn l-iskola jaghmluha one way - to reduce noise. | 1 | .3 | .3 | 97.6 |
| | wisq hmig tal klieb fit toroq, wisq hofor lejn dingli cliffs | 1 | .3 | .3 | 97.9 |
| | wisq hmig tal kliebtitjib il clinic tad demm,arlog mal bus stop,tal-linja aktar spissu rotta oqsor,jizdiedu r rondi tal puluzija | 1 | .3 | .3 | 98.3 |
| | xarabank 81 puntwali aktar,ta paceville xi drabi ma tidholx,l-ghassa tiftah aktar,iktar attivitajiet ghat tfal u zghazagh,tawl l hin tal clinic,jirrangaw toroq ta dingli cliffs,ghaqda ghan nisa,iktar ghaqda u komunikazzjoni | 1 | .3 | .3 | 98.6 |
| | xejn partikolari | 1 | .3 | .3 | 99.0 |
| | Xejn partikolari hlief li ma jinbidlux is-sistemi tal-karrozzi tal-linja | 1 | .3 | .3 | 99.3 |
| | xi toroq jitrangaw | 1 | .3 | .3 | 99.7 |
| | youth centre ghaz-zaghzagh u jirrangaw it-toroq, specjalment ta' dingli cliffs. | 1 | .3 | .3 | 100.0 |
| | Total | 286 | 100.0 | 100.0 | |

**Il-familja f'Ħad-Dingli:**

Skond Bar Chart B1, jidher li f'Ħad-Dingli l-aktar li hemm f'Ħad-Dingli huma familji ta' erba' minn nies, segwiti b'familji ta' tlieta u ħamsa. Kif mistenni, l-anqas li hemm huma familji ta' seba' u dawk ta' aktar minn għaxra.

**L-intervistati:**

Fuq l-intervistati nafu li l-akbar numru kienu rġiel, iżda nisa kien hemm biss xi 7% inqas (Bar Chart B2i). Fuq ir-rwol fil-familja tal-intervistati, nafu li l-maġġoranza tagħhom kienu/huma ġenituri (Bar B2ii). Jidher li f'Ħad-Dingli, l-aktar li nsibu huma nies ta' madwar erbgħin sena (Bar Chart B2iii). Jidher (Bar Chart B3) li l-maġġoranza assoluta tar-residenti f'Ħad-Dingli

ilhom jgħixu hawn għaxar snin jew aktar. Ta' min jgħid ukoll li, kif mistenni, Bar Chart B57 tindika li kważi d-Dinglin kollha (98%) iħaddnu r-reliġjon Kattolika Rumana. Kienu biss madwar 0.5% li qalu li huma Anglikani u 0.5% li staqqru li huma Protestanti. 1% wieġbu li jħaddnu reliġjon li ma kienitx imsemmija (l-intervistaturi staqsewhom kienux: Kattoliċi Rumani; Anglikani; Protestanti; Musulmani; Buddisti jew ta' xi reliġjon oħra). Huwa fatt magħruf li x-Xiehda ta' Ġeħova huma preżenti f'Ħad-Dingli, allura jista' jkun li dan il-1% iqisu ruħhom Xiehda ta' Ġeħova.

**Id-djar:**

L-aktar numru komuni ta' abitanti f'dar waħda huwa ta' erba', segwit bi djar bi tlett residenti (Bar Chart B4). Ħafna mid-djar inbnew fl-1978/79 u fl-1990/1 (Bar Chart B5). Il-maġġoranza tad-djar f'Ħad-Dingli huma *terraced houses* (Bar Chart B6) – imbagħad hemm (Bar Chart B6) il-*maisonettes* (18%). Jidher (Bar Chart B7) li l-maġġoranza assoluta (aktar minn 80%) tad-djar f'Ħad-Dingli huma fi stat tajjeb ħafna, filwaqt li madwar 18% biss għandhom bżonn xi xogħol. Bar Chart B8 tindika li l-aktar li hemm f'Ħad-Dingli huma djar ta' tmin ti kmamar, segwiti minn dawk ta' seba' ti kmamar u oħrajn ta' għaxra jew aktar. Bar Chart B9 tixhed li l-maġġoranza assoluta (77%) ta' residenzi f'Ħad-Dingli huma sidien ta' djarhom (jiġifieri ħalsuhom) filwaqt li 18% għadhom qed iħalsuhom u 5% biss jikruhom. Aktar minn nofs (52%) dawk li jikru r-residenza tagħhom, jikruhom minn sid privat u 45% mill-gvern (Bar Chart B10).




**Stat ċivili:**

Bar Chart B11 tindika li l-maġġoranza assoluta (64%) tad-Dinglin huma miżżewġin filwaqt li kważi terz (27%) mhumies miżżewġin. Bar Chart B12 turina li kważi l-intervistati kollha (98%) wieġbu li uliedhom huma l-wild naturali tagħhom (ftit ħafna huma addottati jew huma t-tfal tas-sieħeb/sieħba).

**L-iżolazzjoni jew in-nuqqas tagħha:**

Jidher li l-familji Dinglin għadhom magħqudin mhux ħażin, infatti madwar 90% mill-ġenituri jaraw lill-uliedhom aktar minn darba f'ġimgħa, madanakollu, tajjeb inżommu f'moħħna li, la l-maġġoranza tal-intervistati għandhom erbgħin sena, uliedhom għadhom żgħar, u allura għadhom jgħixu magħhom. Pero' l-fatt li qed nitkellmu fuq kważi 90% tal-intervistati, x-xejra hija posittiva, għax għalkemm hemm aktar residenti li qedin fl-erbgħinijiet, hemm ukoll bosta anzjani. Il-maġġoranza (56%) tad-Dinglin jaraw lin-neputijiet (it-tfal tat-tfal) tagħhom spiss – ta' l-anqas darba fil-ġimgħa. Ghandna bixra posittiva li l-maġġoranza assoluta (73%) tad-Dinglin, lill-ġirien jarawhom ta' l-anqas darba f'ġimgħa. Minn dawn, 53% jiltaqgħu anka aktar minn darba fil-ġimgħa. Madanakollu, huwa ta' tħassib li 8% mill-intervistati qalu li qatt ma jarawhom lill-ġirien tagħhom. Anka l-aħwa, f'Ħad-Dingli jiltaqgħu ta' spiss (58%). 34% minn din iċ-ċifra jiltaqgħu sa aktar minn darba f'ġimgħa – naturalment, dan nistennewh minn aħwa li għadhom joqgħodu mal-ġenituri tagħhom. Pero' l-24% (kważi kwart tal-intervistati)

li wieġbu li jiltaqgħu ma' ħuthom ta' l-anqas darba fil-ġimgħa hija wkoll indikazzjoni tajba, speċjalment meta żżied il-15% li stqarru li jiltaqgħu xi darbtejn jew tlett darbiet fix-xahar. Din il-bixra posittiva kompliet tidher anka meta l-maġġoranza tal intervistati (54%) wieġbu li mal-ħbieb jiltaqgħu tal-inqas darba fil-ġimgħha u 37% saħansittra wieġbu li lill-ħbieb jarawhom anka aktar minn darba fil-ġimgħa. Madanakollu, ta' tħassib huma l-15% li ammettew li lill-ħbieb ma jarawhom qatt. Jista' dan ifisser li m'għandhomx ħbieb? Jew li jinsabu iżolati, għax forsi ġejjien minn bnadi oħra ta' Malta u Għawdex u lill-ħbiebhom ħallewhom warajhom u tilfu l-kuntatt minn magħhom? Forsi qed isibuha diffiċli biex jintegraw fil-komunita' Dinglija. Jekk ma' dawn wieħed iżied it-12% li jaraw lil sħabhom anqas minn darba f'xahar, is-sitwazzjoni tista' tkun waħda ta' thassib.

Meta mistoqsija lil min jitolbu għall-għajnuna jekk ikollhom bżonn li xi ħadd iwassalhom x'imkien, terz (32%) qalu li jsaqsu lit-tfal (allura nafu li almenu terz tal-intervistati kbar biżżejjed biex ikollhom tfal ta' il-fuq minn tmintax-il-sena). Kwart tal-intervistati (25%) sostnew li jsaqsu lill-ġenituri (allura nafu li almenu kwart tal-intervistati għadhom kapaċi jsuqu karrozza allura mhux xjuħ wisq). 20% isaqsu lil ħuthom. Fl-istess grupp ta' domandi meta mistoqsija lil min isaqsu għall-għajnuna jekk ikunu ma jifilħux, 38% wieġbu li jsaqsu lill-uliedhom (anka hawn, nifmhu li almenu 38% tal-intervistati għandhom tfal kbar). Madanakollu, madwar terz (32%) sostnew li jitolbu lill-uliedhom għall-għajnuna. Kien 17% li kieku jitolbu l-għajnuna ta' ħuthom. Ukoll niskopru li forsi, f'kas ta' problemi emozzjonali, l-aktar li jfiċċu d-Dinglin huma lill-uliedhom (28%). Allura, nistgħu nifmhu li kważi terz mill-intervistati għandhom tfal kbar u maturi biżżejjed għal dan. Kwart (25%) tal-intervistati jirrikorru għand il-ħbieb meta jkollhom problemi emozzjonali. Madanakollu, 20% imorru għand il-ġenituri meta jkollhom dawn il-problemi personali. Dan jista' jindika li numru sabiħ ta' ġenituri għandhom relazzjoni sabiħa ma' uliedhom. U l-fatt li 25% imorru għand il-ħbieb f'kas ta' problemi emozzjonali ma jfissirx li ma għandhomx relazzjoni tajba mal-ġenituri tagħhom, iżda jista' jkun li jew ma jriduhomx jinkwetaw jew inkellu jistħu jitkellmu magħhom fuq ċerti problemi. Fl-istess tema, meta mistoqsijin lil min jistaqsu biex jagħmlulhom xi qadi jew xogħol żgħir, terz (32%) wieġbu li jistaqsu lill-uliedhom, 27% qalu li jgħidu lill-ġenituri tagħhom u 23% sostnew li jistaqsu lil ħuthom. Dan jista' jindika li f'Ħad-Dingli l-għaqda fil-familja għadha bsaħħitha. Simpatika l-bixra li jidher li, sakemm ikunu għadhom jifilħu, il-ġenituri jgħinu lill-ulied, iżda meta dawn jikbru u tonqsilhom is-saħħa, l-ulied imbagħad jgħinu lilhom.

Bar Chart B15 tipprovdi stampa ta' kemm id-Dinglin iħossuhom waħedhom. Meta mistoqsija, nofs l-intervistati qalu li qatt ma jħossuhom waħedhom. Aktar minn terz (35%) sostnew li rari iħossuhom waħedhom. Iżda, donnu b'eku ta' Bar Chart B13v, meta 15%

ammettew li lill-ħbieb ma jarawhom qatt,.10% qalu li ta' spiss jħossuhom waħedhom u 5% saħansittra ammettew li jħossuhom waħedhom il-ħin kollu. Għalhekk jerġgħu jitfaċċaw dawk il-15% li jidher li huma iżolati.




**Livell ta' edukazzjoni:**

Jidher li l-aktar (34%) li hemm f'Ħad-Dingli huma residenti li damu l-iskola sas-sekondarja (Bar Chart B16). Wara dawn jidher li hemm numru sostanzjali ta' nies (22%) li attendew l-iskola primarja biss. 12% marru l-universita'. 8% attendew xi skola tas-snajja. 6% attendew is-*6th Form*. 5% marru l-MCAST. 4% l-*Higher Secondary School*. 1% marru xi *opportunity centre* filwaqt li 8% jew għandhom ftit skola (4% minnhom anqas mill-primarja) jew xejn skola (4%). Infatti, jidher ċar li l-aktar li damu fl-iskola n-nies huwa 11-il-sena (forsi l-anqas ma spiċċawha s-sekondarja). Din iċ-ċifra (17%) hija segwitha minn dik ta' nies (9%) li attendew il-primarja. 4% qatt ma marru skola. L-istudju jtina x'nifmhu li, għalkemm ħafna Dinglin (92%) jafu jiktbu u jaqraw, ċertament ma nistgħux ninjoraw it-8% li ammettew li huma illitterati. Dawn żgur li jistgħu jibbenifikaw mit-taħriġ li jsir f'Ħad-Dingli fil-litteriżmu. Bar Chart B28 turina li 30% jattendu għall-korsijiet (fuq suġġetti varji) li jiġu offruti mill-iskola primarja, mill-kunsill lokali ... etc ... madanakollu, id-domanda jekk it-8% li huma illiterati jattendux il-korsijiet tal-litteriżmu tibqa' bla risposta.

B16: X'inhu l-livell ta' edukazzjoni tieghek?




Meta mistoqsija minn fejn ħadu l-edukazzjoni primarja tagħhom, 90% wieġbu li dawn attendew skejjel tal-istat, 8% marru l-iskejjel tal-knisja, 1% attendew skejjel privati u 1% ġabu l-edukazzjoni tagħhom minn postijiet oħra. Fejn tidħol edukazzjoni sekondarja, 87% attendew skejjel tal-gvern, 8% attendew skejjel tal-knisja, 4% marru skejjel privati u 1% sostnew li ħadu l-edukazzjoni sekondarja tagħhom minn bnadi oħra. Din il-bixra baqgħet tidher anke fejn tidħol l-edukazzjoni post-sekondarja b'90% li attendew skejjel tal-istat, 4% marru skejjel tal-knisja, 4% attendew skejjel privati u 2% attendew skejjel oħra. Bar Chart B23 turina li 18% mid-Dinglin studjaw barra minn xtutna, iżda 82% studjaw f'Malta stess.




Fejn jidħlu kwalifiċi akkademiċi, l-istudju jindika li: sew aktar minn terz ġabu dak li jissejjaħ *school leaving certificate*; 20% akwistaw l-*O-levels* tagħhom; 16% ġabu xi kwalifiċi oħra; 12% ġabu l-*A-levels*; 8% ħadu xi *first degree* mill-universita'; 4% ġabu l-*Masters* u jidher li 2% għandhom *PhD*.

Wieħed minn kull ħames (20%) residenti jgħamlu użu minn xi librerija f'Ħad-Dingli. Il-kumplament tal-intervistati (80%) ammettew li ma jiffrekkwentawx librerija f'Ħad-Dingli. Meta mistoqsija jużawx librerija barra minn Ħad-Dingli, 18% wieġbu "iva", filwaqt li 82% wieġbu "le". Allura jista' jkun li 2% mir-residenti jagħmlu użu biss ta' xi librerija f'Ħad-Dingli. Forsi d-Dinglin ma tantx iħobbu jaqraw u allura huwa għalhekk li 60% lanqas jaqraw il-gazzetta/i kuljum. Pero' jista' jkun li dawn jidħlu fl-*internett* jew jisimgħu l-aħbarijiet biex iżommu lilhom infushom aġġornati.

Meta mistoqsija jgħinux lill-uliedhom fix-xogħol tal-iskola (Bar Chart B27), il-maġġoranza assoluta (59%) wieġbu "iva" u 41% qalu li ma jgħinux lit-tfal fix-xogħol tal-iskola. Pero' dan mhux bilfors allarmanti għaliex jista' jkunu bosta r-raġunijiet għaliex it-tfal jitħallew jistudjaw waħedhom, per eżempju, hawn tfal li jinsistu li jitħallew ifendu għal rashom – u naħseb li, jekk dan l-aġir ma jinbidtx mis-suppervja, dan huwa sinjal ta' indipendenza u

għandu jiġi inkuraġġit. Madanakollu, jekk minn dawn il-41% hemm tfal li, għalkemm batuti u fil-bżonn tal-għajnuna, qed jitħallew għal rashom jew qed jiġu injorati kompletament, allura, għandna għalxiex ninkwetaw. Għalhekk, l-inizjattiva tal-kunsill li tingħata għajnuna lit-tfal li jkunu qed jgħamlu l-*HW* hija inizjattiva li jidher li hawn bżonnha. Importanti li tintużu mit-tfal li l-aktar jeħtieġuha.

B27: Taghtu ghajnuna lit-tfal fix-xoghol tal-iskola?




Kif għidt diġa', terz (30%) tad-Dinglin jidher li jattendu korsijiet li jiġu offruti mill-iskola primarja, mill-kunsill lokali ... etc ... Ċertament, dan huwa sinjal tajjeb pero' ma nistgħux inwarrbu l-fatt li 70% mill-intervistati iddikjaraw li dan ma jgħamluhx. Jidher li 70% tad-Dinglin iħossuhom komdi jitkellmu bl-ingliż – bil-kuntrarju ta' terz (30%) li ammettew li jħossuhom skomdi. Forsi 'l quddiem ikunu jistgħu jiġu organizzati xi korsijiet tal-ingliż mitkellem.

Meta imbagħad ġie studjat kemm, fil-fatt, id-Dinglin jużaw il-kompjuter, Huwa fatt li terz (30%) tar-residenti jidher li m'għandhom kompjuter id-dar (70% għandhom); terz m'għandhomx aċċess għall-*internet* mid-dar – forsi wkoll, għax m'għandhomx kompjuter (70% għandhom aċċess għall-*internet* mid-dar); għalkemm 70% għandhom kompjuter u aċċess għall-*internet* mid-dar, huma 58% li jużaw il-kompjuter b'mod regolari biex jibgħatu *e-mail* ...etc... filwaqt li 42% ammettew li dan ma jagħmluhx. Forsi tista' tinbeda skema biex,

dawk li m'għandhomx kompjuter u *internet* id-dar minħabba problemi finanzjarji, jiġu pprovduti b'kompjuter imqar *second hand* u forsi l-kumpaniji li joffru servizz tal-*internet* jistgħu jiġu imħeġġa jisponsorjaw dawn il-familji. Hekk forsi tittaffa d-*digital divide*.

**Ix-xogħol tal-intervistati:**

Għall-ewwel stagħġibt mhux ftit meta rajt li, skont Bar Chart B33i, l-aktar li wieġbu l-intervistati (madwar 28%) huwa li jieħdu ħsieb id-dar u l-familja *full-time*. Għalkemm qistu posittiv ħafna, ħassejtha diffiċli naċċettah meta, skont Bar Chart B2i, hemm 7% aktar intervistati irġiel minn nisa. Stajt nispjega dan ir-risultat meta ndunajt li mat-12% li stqarru li jaħdmu *full-time* barra mid-dar, u x-xogħol tad-dar tagħmlu biss il-mara, żgur li hemm numru konsiderevoli tal-11% li huma irtirati, is-6% li huma *self-employed*, iż-0.5 li jaħdmu għal rashom u jħaddmu n-nies magħhom, it-8% li jidher li ma riedux jgħidu x'jgħamlu eżatt. Ma nimmaġinax li kien hemm wisq irġiel mis-6% li qalu li jaħdmu *full-time* u jgħamlu x-xogħol tad-dar kważi kollu huma. Pero' nista' inkun żbaljata. 2% wieġbu li qedin jistudjaw, l-istess ammont ta' nies jieħdu ħsieb persuni b'diżabilita', 0.5% jgħinu lis-sieħeb/sieħba tagħhom f'xogħolhom u 3% jaħdmu biss *part-time*. Ma jidhirx li ħafna mix-xogħol tad-Dinglin jirrekjidi safar (16% biss kellhom isiefru fuq xogħol f'dawn l-aħħar tlett snin).

Bar Chart B33i turina li ħafna mill-intervistati (32%) – li l-maġġoranza tagħhom nafu li kienu irġiel (Bar Chart B2i) – qalu li r-risponsabilita' tad-dar u tal-familja taqa' f'idejn il-*partner* tagħhom. L-istess Bar Chart (B33i) tindika li ħafna (17%) mill- *partners* (li jidher li l-maġġoranza kienu nisa) li jaħdmu barra mid-dar jgħamlu wkoll il-faċendi tad-dar. 16% qalu li l-*partners* tagħhom kienu irtirati filwaqt li 11% ammettew li l-*partner* taħdem full-time u tgħamel ukoll ix-xogħol tad-dar.




Jidher li l-maġġoranza (56%) tad-Dinglin huma sodisfatti ħafna b'xogħolhom filwat li aktar minn terz (36%) sodisfatti mhux ħazin. Allura, meta tqis li 92% (56% u 36%) mid-Dinglin jidhru li huma kuntentti fuq xogħolhom, din hija ċertament xejra posittiva. 4% biss kienu indeċiżi u l-4% l-oħra kienu negattivi.

**Stat finanzjarju:**

